**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U TLETIN**

**21 ta' MARZU, 2017**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

IL-Viċi-Chairperson Maria Schembri ppresediet il-laqgħa minħabba li ċ-Chairperson Pierre Farrugia, informa li ser jattendi tard.

**34.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

34.1.1 Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni ta' Zammit Nurseries biex iħawlu s-siġar fil-proġett ta' Triq Fra Gan Marie Zammit u lill-Perit Edric Micallef biex jinbena l-ħajt ta' madwar il-proġett.

***34.2*** ***Suġġerimenti u Imenti***

34.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti u suġġerimenti mir-residenti:

- Resident li joqgħod fi Triq l-Imtali k/m Triq l-Arċipriet E Mifsud jissuġġerixxi li ssir sleeping policeman u mera fil-kantuniera minħabba li l-vetturi li jgħaddu minn Triq l-Arċipriet E Mifsud jduru għal fuq il-garaxx tiegħu. Kien hemm qbil li tiġi ordnata mera on pole imma sleeping policeman ma ssirx minħabba li kull fejn saru kellna l-ilmenti fuqhom.
- Biex isiru metru yellow lines mal-garaxxijiet ta' Marjoe, Triq

Bubaqra, u ma’ Qalb ta’ Ġesu Triq Dun Nard Mallia. Kien hemm qbil fuq dan.

34.2.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li hemm bżonn li jitnaddfu d-dog bins għax jinsabu kollha maħmuġa.

Il-membru Kevin Sam Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq ħaxix li hemm bżonn jinqata’ madwar Bubaqra.

Il-membru Joseph D’Amato qal li hemm bżonn issir tabella biex il-vetturi jipparkjaw bis-silencer ‘l barra fi Triq Zakkarija Ronkali.

Il-membru Joseph D’Amato qal li hemm bżonn issir manutenzjoni ta’ bankini fi Triq l-Arċipriet E Mifsud u fi Triq San Leone.

Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol kollu msemmi.

***33.3 Attivitajiet Kulturali***

33.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li għal din is-sena l-attivitajiet kulturali li applika għalihom il-Kumitat Amministrattiv ma ġewx milqugħa u meta s-Segretarju Eżekuttiv oġġezzjonat għal dan, ġiet mgħarrfa li l-fondi ta’ din is-sena ser jingħataw biss għall-Festa Ħut. L-għaqdiet ġew mgħarfa b’dan kollu.

***34.3 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

34.3.1 F’dan il-punt daħal għas-seduta ċ-Chairperson Pierre Farrugia (ħin 18:00).
Il-laqgħa spiċċat b’dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 25ta’ April, 2017 fil-17:30.

Konfermati, illum ___ ta’ April, 2017

IFFIRMAT

Pierre Farrugia
**Chairperson**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**